GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA'

Ċirkulari

| | |
|---|---|
| Ref: | DCLE 09/2024 |
| From: | Sur Jude Zammit, Direttur Ġenerali (DCLE) |
| To: | Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja, Indipendenti u *ilearn users* |
| Subject: | **Summer Catch-Up Classes 2024 – Applikazzjonijiet għall-istudenti** |
| Date: | 14 ta' Mejju 2024 |

# Summer Catch-Up Classes 2024 – Applikazzjonijiet għall-istudenti

## Ħarsa Ġenerali

L-għan tas-Summer Catch-Up Programme 2024 huwa li jgħin lill-istudenti li jeħtieġu ftit aktar għajnuna u reviżjoni fl-istudji tagħhom. Dan il-programm jagħti ukoll opportunità ta' reviżjoni lil dawk li jixtiequ jirrevedu u jħossuhom aktar kunfidenti matul is-sena skolastika. Il-programm huwa maħsub għall-istudenti mill-1 sal-10 sena u huwa miftuħ għall-istudenti kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-Catch-up Classes jipprovdu opportunità ta' reviżjoni fis-suġġetti ewlenin li jkunu saru matul is-sena skolastika preċedenti. Dawn il-lezzjonijiet qed jiġu provduti u mgħallma minn għalliema kwalifikati lill-istudenti kollha fi gruppi żgħar kemm f'livell primarju kif ukoll f'dak sekondarju. Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat mill-15 ta' Lulju sal-5 ta' Settembru, erba' darbiet fil-ġimgħa.

## X'se tikseb

- Il-programm huwa mifrux fuq tmien ġimgħat, mit-Tnejn sal-Ħamis mill-15 ta' Lulju 2024 sal-5 ta' Settembru 2024.
- Iċ-Ċentri Primarji huma miftuħa mid-9:00 sa 12:00 (nofsinhar).
- Iċ-Ċentri Sekondarji huma miftuħa mid-8:45 san-12:30.
- L-istudenti jistgħu jattendu fi tmien ċentri Fiżiċi:

1. L-iskola Primarja ta' Marsascala għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
2. L-iskola Primarja ta' Raħal Ġdid għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
3. L-iskola Primarja ta' Birkirkara għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
4. L-iskola Primarja tal-Mosta għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
5. L-iskola Primarja tar-Rabat Għawdex għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
6. L-iskola Sekondarja ta' Santa Luċija għall-istudenti mis-7 sena sal-10 sena
7. L-iskola Sekondarja tal-Imrieħel għall-istudenti mis-7 sena sal-10 sena
8. L-iskola Sekondarja tal-Mosta għall-istudenti mis-7 sena sal-10 sena

- Hemm ukoll żewġ ċentri Virtwali (onlajn):

1. L-iskola Primarja Virtwali għall-istudenti mill-1 sena sas-6 sena
2. L-iskola Sekondarja Virtwali għall-istudenti mis-7 sena sal-10 sena

- L-għalliema kollha huma għalliema kwalifikati fil-pussess tat-*teaching warrant*.
- Matul il-Catch-Up Classes l-istudenti se jkunu qed jibbenefikaw minn tagħlim fis-suġġetti ewlenin fosthom il-Matematika, il-Malti, l-Ingliż, ix-Xjenza, il-Fiżika, l-ICT, l-Edukazzjoni Fiżika u l-Arti.
- L-applikazzjonijiet huma fuq bażi ta' *first come first served*.
- Meta l-klassijiet jimtlew, applikanti ġodda jitpoġġew fuq lista ta' stennija, sakemm jiġu kkuntattjati mill-koordinatur sabiex jibdew.
- Il-Catch-Up Classes huma mingħajr ħlas.

## Eliġibilità

- Studenti li għandhom bżonn ftit aktar għajnuna jew spinta fl-istudji tagħhom.
- L-istudenti kollha madwar il-gżejjer Maltin u Għawdxin kemm minn skejjel pubbliċi, tal-knisja kif ukoll privati huma eliġibbli sabiex japplikaw.

## Kif għandek tapplika

L-istudenti jistgħu japplikaw permezz ta' dan il-link hawn taħt:

https://forms.office.com/e/dhsAeS9PLM

Jude Zammit
Direttur Ġenerali

t + 356 2598 2503 e dg.dcle.meyr@gov.mt | www.education.gov.mt